Minuti tal-ħamsin (50) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 04 ta' Settembru 2012 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Il-Kunsillier Osvaldo Pace informa lill-Kunsill li ma setax jattendi. |

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 49/6 (31 ta' Lulju 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Talba ghall-Bdil fil-Konfini tal-Gudja

5. Talba għall-Bdil fl-Emblema tal-Gudja

6. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet:-
   a. Quot/06/2012 – Cleaning of Gudja Local Council's Administrativ office including library
   b. Quot/07/2012 – Book binding
   c. Quot/08/2012 – Maintenance and replacement of 10 aluminium notice boards

7. Xogħlijiet u Progress
   a. Triq San Pawl
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna
   c. Ġnien Raymond Caruana

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.50p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti - 49/6 (31 ta' Lulju 2012)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija u approva nem con.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 One way – parti minn Triq Joseph Gravina Gudja. Is-Sindku qal li kellu laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali tat-TM fosthom Sur Josie Brincat li kien jidher li t-TM ma tantx kienet qed taqbel mat-talba tal-Kunsill. Il-Kunsill wera l-importanza li jipproteġi l-interessi tar-residenti u għalhekk baqa jinsisti li tinkiseb xi forma ta' soluzzjoni f'dan ir-rigward.

2.1.2 Service road fi Triq Ħal Tarxien li tmiss ma' Triq Joseph Gravina Gudja. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali tat-TM fosthom is-Sur Josie Brincat sar qbil li ċ-ċint eżistenti jista' jitwal bi ftit u b'hekk ma jkunx hemm riskju ta' sewqan traskurat meta jkun dieħel jew ħiereġ mit-Triq Joseph Gravina għal Triq Ħal Tarxien. Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jagħti parir bil-miktub fuq l-aħjar soluzzjoni sabiex filwaqt li jiġi eliminat il-periklu ma jinħoloqx riskju ieħor, li karozzi jibdew jidħlu fiċ-ċint jekk u meta dan jiġi mtawwal.

2.1.3 Kuntratt ta' Patching GLC/011/2012. Is-Sindku qal li dan il-kuntratt issa ġie iffirmat u għalhekk il-Kunsill issa qiegħed f'pożizzjoni li jagħmel lista tat-toroq fejn issir patching skond il-prijorita meħtieġa.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu hemm toroq li għandhom jissewwew b'mod immedjat. Dan huma:-

Triq San Ġorġ
Triq Filippu Castagna
Triq Birżebbuġa

Saret diskussjoni u ġie deċiż li s-Sindku għandu jaħdem mal-Perit Lewis sabiex issiru l-istimi u wara dawn l-istimi jiġu konsidrati waqt laqgħa li tissejjaħ b'urġenza sabiex il-Kunsill jeżamina dawn l-istimi u jilħqu dawk id-deċiżjonijiet kif ikun meħtieġ.

2.1.4 Offerti dwar fornituri tal-konkos. Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-Kunsill jikseb konkos C20 għal diversi toroq u xogħijiet oħra li jiġi eżegwit mill-kuntrattur appuntat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa għax-xiri tal-konkos kif ikun meħtieġ. Meta dawn l-offrti jinġabu l-Kunsill jagħżel l-aħjar offerta u jinforma lill-kuntrattur sabiex jibda jikseb dan il-konkos kif ikun meħtieġ u li jibda jiġi mħallas dirett mill-Kunsill.

2.1.5 Ħtieġa ta' dawl fuq in-naħa ta' wara tal-Club St. Patrick's A.C. Is-Sindku qal li f'din il-parti qed ikun hemm dlam u sar serq mill-irziezet f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill iddeċieda li jikseb il-parir tal-kuntrattur Nexos dwar l-aħjar metodu li dawn l-inħawi jiġu mdawla u jiġi mneħħi l-periklu eżisenti.

Il-Kunsill qabel ukoll li jiġi esplorat xi forma ta' qbil mas-St. Patricks AC dwar l-bozza jew reflector jiġi mqabbad mas-sistema tal-elettriku ta' l-istess club.

2.1.6 Bus shelter fi Triq l-Għelejjel il-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed ikollu talbiet sabiex issir bus shelter xieraq peress li dan huwa meħtieġ bħala kenn għal persuni li jkunu qed jistennew l-Arriva. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-applikazzjoni meħtieġa sabiex issir dan il-bus shelter li għandu jservi anke ta' kenn minn xi ċomb speċjalment fl-istaġun tal-kaċċa.

2.1.7 Xogħol fi Triq San Pawl, Il-Gudja – bankini u asphalt tat-triq. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibli sabiex dan ix-xogħol jibda u jkun lest fl-aqsar żmien possibli. Is-Sindku żied li għalkemm il-Kunsill juri kull ħeġġa li x-xogħol issir malajr, dan jiddependi mill-kuntrattur u l-awtoritajiet konċernati.

2.1.8 Xogħol fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li huwa maħsub li x-xogħol fi Triq il-Kbira jibda malli jispiċċa x-xogħol fi Triq San Pawl.

2.1.9 Triq Ħal Safi. Is-Sindku qal li filwaqt il-Kunsill kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzzjoni sabiex ma jinżamx ilma f'din it-triq, il-Kunsill qed ukoll jinsisti mal-Awtoritajiet sabiex dawn jgħinu lill-Kunsill fi Proġett dwar l-għargħar u b'hekk jiġi żgurat illi kull xogħol ta' asphalt iżomm u ma jinqalax fi ftit żmien.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Tiswijiet fit-toroq ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jitlob lil Perit sabiex dan jindika fejn jista' issir konkos (li jservi għall-parking tal-vetturi tar-residenti) u tapit ta' tarmak li jservi sabiex jgħaddu l-karozzi.

2.2.2 Triq il-Kbira. Is-Sur Baldacchino qal li fi Triq il-Kbira l-bankini għandhom issiru bil-pave' peress li dawn jagħtu dehra aħjar lill-qalba tar-raħal.

2.2.3 Pelican lights faċċata ta' Triq Bur Ġlat. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jagħmel kull presjoni sabiex dawn id-dwal li jikkontrollaw it-traffiku u li jagħmluha possibli sabiex in-nies jaqsmu Dawret il-Gudja bla riskju żejjed, issiru bla aktar dewmien għaliex hemm fin-nofs il-ħajja tan-nies.

2.2.4 Proġett dwar l-Urban Improvement Fund (UIF). Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għamel l-applikazzjoni dwar proġett fi Ġnien R. Caruana liema proġett sejjer jiswa xi €82,000.00 u qed jistenna dwar il-konferma tal-fondi mill-UIF li tista tlaħħaq sa €46,004.86.

2.2.5 CCTV's. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa sabiex dawn il-cameras jitqegħdu fejn jikkontrollaw l-iskips kemm dak separat kif ukoll dak domestiku. Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi l-open skips għandhom jitqegħdu faċċata tas-CCTV's sabiex kull min jabbuża jinqabad u ma tkomplix issir ħsara.

2.2.6 Petizzjoni tar-residenti dwar ir-residential parking scheme. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti dwar dak li qed jagħmel u bil-kuntatti ma' TM dwar dan sabiex b'hekk ir-residenti jkunu

jafu dwar dak li jagħmel il-Kunsill dwar il-problema tal-parking ġewwa l-Gudja.

2.2.7 Servizz ta' tindif u latrini fil-ġranet tal-festi. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur konċernati dwar dak li jkun meħtieġ waqt il-ġranet tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju u tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura li jiġu ċelebrati f'Ottubru ġewwa l-Gudja.

2.2.8 Tiżjin fil-festi tal-Milied fir-roundabut viċin il-Palazzo d'Aurel fid-daħal tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li issa l-kuntratt tal-ġonna jinsab f'idejn l-ELC ikun ħaġa sewwa li kemm din ir-roundabout u xi inħawi oħra fil-Gudja jiġu mżejna u mixgħula mill-ELC kif issir fi bnadi oħra ta' Malta.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark Anthony Sammut

a. Youth in Action Programme. Is-Sur Sammut qal li kiseb dan il-proġett mill-fondi Ewropew u li bih sitt żgħażagħ u youth leader mill-Gudja jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dan il-proġett fil-Bulgarija. Dan il-proġett jikkonsisti li żgħażagħ Gudjani li jkunu jafu il-mużika jipparteċipaw f'banda flimkien ma' żgħażagħ oħra Ewropej. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward issir l-għażla ta' dawn iż-żgħażagħ u l-Kunsill jikseb l-għajnuna tas-Sur Stefan Caruana li huwa kwalifikat u mħarreġ sewwa fil-mużika u anke huma stess jikkonduċi orkestra sabiex ssir l-għażla ta' dawn iż-żgħażagħ skond il-ħtieġa ta' din il-banda/orkestra u kompetenza mużikali.

b. Youth Leadership Course. Is-Sur Sammut qal li dan il-kors kien ta' suċċess u tmien (8) żgħażagħ ġew imħarġa fil-Youth Leadership u li jkunu jistgħu jgħinu żgħażagħ oħra. Is-Sur Sammut qal li l-parteċipanti għandhom jingħataw ċertifikat tal-attendenza.

c. Programm ta' Sports for All. Is-Sur Sammut qal li dalwaqt li jkun hemm l-arranġamenti bħal ma' saru snin oħra sabiex tfal mill-Gudja ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dan il-program li jsir fl-iskola Primarja San Benedittu Gudja.

2.3.2 Anthony Dalli

a. Arbli tad-dawl f'Dawret il-Gudja. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill kien qed jaħdem dwar l-ħofor (13-il waħda) ta' xi erba' pulzieri il-waħda sabiex il-parti ta' din it-triq fejn hemm ir-residenti tiġi mżejna fil-ġranet tal-festi.

b. Kors dwar il-Health & Safety. Is-Sur Dalli qal li f'isem il-Kunsill huwa xtaq jirringrazzja lis-Sur Loreto Dalli għal ħidma tiegħu meta mexxa dan il-kors b'suċċess b'risq ir-residenti Gudjani li attendew għal dan il-kors. Is-Sur Dalli qal li l-parteċipanti għandhom jingħataw ċertifikat tal-attendenza.

c. Ġnien Wesgħet Anglu Dalli Gudja. Is-Sur Dalli qal li jkun xieraq li dan l-ispazju jinżamm nadif u li xi siġar li jinsabu fih jinżabru fi żmien propizju.

d. Tilqima tal-influwenza fil-Gudja. Is-Sur Dalli qal li sad-29 ta' Settembru 2012 l-Kunsill kien qed jirċievi informazzjoni dwar dawk ir-residenti li għandhom il-fuq minn 55 sena jistgħu jieħdu it-tilqim mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija jikseb is-servizz tas-Sur Roderick Bilocca li huwa nurse kwalifikat u li dejjem ta l-aħjar servizz lill-Kunsill.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ikkonsidra li qed ikun hemm ħafna ilmenti dwar is-siġar tal-ficus li jinsabu fuq in-naħa residenzjali f'Dawret il-Gudja u li jidher li hemm il-ħtieġa li dawn jiqalgħu minn posthom.

Il-Kunsill qabel li japplika mal-awtoritajiet kompetenti dwar xi permessi li jistgħu ikunu meħtieġa sabiex jinqalgħu dawn is-siġar li qed jikkawżaw ħafna problemi.

3.1.2 Ilma li jidħol fil-flats tal-Mitħna. Il-Kunsill sema' dan l-ilment u sar qbil li fejn ikun meħtieġ issir xi forma ta' parakwa u għoli ta' l-għetiebi sabiex jiġi assigurat li l-ebda ilma ma jiskula ġewwa l-intrati ta' dawn il-flats.

3.1.3 Dwar ilmenti oħra li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew konsidrati u li tkun ttieħdet azzjoni minn naħa tal-Kunsill sabiex jagħqdi lil min ikun għamel l-ilment u titneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun għamel l-ilment.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħatu u ddeċieda li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li reċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4.0 Talba għal bdil fil-konfini tal-Gudja

4.1 Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jagħmel dawk ir-rappreżentazzjonijiet kif ikun meħtieġ sabiex l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Kappella ta' Loreto u l-inħawi ta' Ħas Saptan ikunu fil-konfini tal-Gudja peress li huwa ċar li l-konfini kif jidhru fil-preżent huma ħżiena u teżisti kull evidenza li dawn il-konfini huma żbaljati u li r-rimedju huwa meħtieġ u possibli, mingħajr ħafna xogħol.

## 5.0 Talba għal bdil fl-Emblema tal-Gudja

5.1 Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jinsabu persuni esperti dwar l-eraldika sabiex jiġi stabbilit preċiżament liema hija l-arma korretta tal-Kunsill Lokali Il-Gudja.

5.2 Sar qbil li persuni esperti bħal Sur Mario Gatt u s-Sur Mario Coleiro għandhom ikunu huma li jagħmlu r-riċerka meħtieġa dwar kif suppost għandha tkun l-arma uffiċjali tal-Kunsill Lokali Il-Gudja.

**6.0 Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet.**

6.1 Quot/06/2012 – Cleaning of Gudja Local Council's Administrativ office including library. Il-Kunsill qabel li l-offerta ta' Gafa Saveway Cleaners hija l-aħjar offerta u għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel il-ftehim meħtieġ ma' Gafa Saveway Cleaners.

6.2 Quot/07/2012 – Book binding. Il-Kunsill qabel li peress li kien hemm offerta waħda biss u peress li din tidher tajba għal Kunsill, il-Kunsill qabel li jagħmel il-ftehim meħtieġ ma' Orion Book Binders.

6.3 Quot/08/2012 – Maintenance and replacement of 10 aluminium notice boards. Il-Kunsill qabel li peress li ma kienx hemm offerti dwar dan ix-xogħol, il-Kunsill għandu jikseb dan is-servizz bħala direct order filwaqt li jirrispetta il-linja tal-Finanzi u Procurement.

**7. Xogħlijiet u Progress:**
**a. Triq San Pawl**
**b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F. Castagna**
**c. Ġnien Raymond Caruana**

7.1 Kif jidher f'dawn il-minuti dawn ix-xogħlijiet jinsabu f'diversi oqsma ta' ippjanar u eżekuzjoni tal-Kunsill.

7.2 Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikomplu jidhru fuq l-agenda tal-Kunsill.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €59.42 għax-xahar ta' Lulju kif ippreżentata lill-Kunsill.

8.2. Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2012 għas-somma totali ta' €28,132.09 ġiet approvata wara li ġew mwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fl-istess skeda.

8.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8.3.1 Il-Kunsill qabel u approva dawk ix-xogħlijiet u xiri kif imsemmija aktar il-fuq, f'dawn il-minuti.

**9.0 Għeluq tal-laqgħa**

9.1 Parking space għall-persuna b'diżabilita. Is-Sur Baldacchino qal li fuq ir-rampa ta' Ġnien R. Caruana għandu jsir marki u sinjali li dan il-parking għandu jkun riservat għal persuni b'diżabilita.

9.2 Lampa fi Triq San Mark ktr ma' Triq iż-Żebbuġa. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li jkun hemm din il-lampa sabiex ikun hemm aktar dawl u sigurta f'din il-parti tat-triq. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-applikazzjoni kif meħtieġ.

9.3 Arblu tal-injam fi Triq San Pawl. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jagħmel rikjesta mal-awtoritajiet konċernati sabiex ineħħu dan l- arblu li barra milli huwa inkonvenjent qed ukoll ikun ta' periklu kemm għar-residenti kif ukoll għal kull min ikun għaddej minn ħdejn dan l-arblu f'xi maltempata jew xita qawwija.

***Aġġornament***

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.45pm u ġiet aġġorna għat-28 ta' Settembru 2012 fis-5.45p.m. fuq Agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________